

EUROPEAN CLIMATE PACT

#MyWorldOurPlanet
#EUClimatePact

**Peer Parliaments**

Make yourself heard

# Kif nagħmlu l-enerġija tajba għall-ambjent u ġusta.

## Materjali ta' tagħlim għal modulu 2

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tista' tkun skaduta, peress li inizjalment kienet maħluqa fl-2022.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39), ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

**PDF** ISBN 978-92-68-12382-9 doi:10.2834/422638 ML-02-24-101-MT-N

# Kif nagħmlu l-enerġija tajba għall-ambjent u ġusta: produzzjoni u użu

## Mistoqsija 1

Minn pannelli solari fuq il-bejt għal insulazzjoni aħjar fil-ħitan tagħna, kif niġġeneraw u nikkonservaw l-enerġija fid-djar tagħna huwa aspett essenzjali biex inkunu aktar sostenibbli bħala soċjetà. X'għandek bżonn biex tuża l-enerġija b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli f'darek? **Agħti ħarsa lejn l-għażliet** t'hawn taħt, **tkellem** dwarhom mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont is-soluzzjonijiet li taħseb li huma l-aħjar.

| Punti | Għażla |
|---|---|
| 5 punti | B |
| 4 punti | C |
| 3 punti | A |
| 2 punti | E |
| 1 punt | D |

Kampjun tal-vot

**A** Għandu jkun hemm inċentivi u informazzjoni ċara dwar il-benefiċċji biex jgħinuni nagħmel **bidliet effiċjenti fl-enerġija** bħall-insulazzjoni ta' dari, l-installazzjoni ta' termostat intelliġenti, il-bdil tal-oqfsa tat-twieqi qodma u l-użu ta' bozoz li jiffrankaw l-enerġija.

**B** Għandi nkun imħeġġeġ biex **naqleb għal elettriku u tisħin tajbin għall-ambjent** f'dari billi jitgħollew il-prezzijiet għall-enerġija mhux rinnovabbli.

**C** L-inċentivi għandhom jagħmluha **orħos u aktar faċli** għalija biex ninstalla sorsi ta' enerġija aktar ekoloġiċi f'dari, bħal pannelli solari u pompi tas-sħana.

**D** Għandu jsir impossibbli li tintuża **enerġija minn sorsi li jħammġu** bħall-faħam billi jiġu eliminati gradwalment kemm jista' jkun malajr.

**E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?



© L-Unjoni Ewropea

# Kuntest

Kull soċjeta u ekonomija moderna taħdem bl-enerġija: għandna bżonnha biex niġġeneraw l-elettriku, insaħħnu djarna u nħaddmu l-vetturi tagħna. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-enerġija għadha tiġi prodotta minn fjuwils fossili (żejt, faħam u gass), ammont iżgħar ġej minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħad-dawl tax-xemx, ir-riħ, l-ilma u s-sħana ġeotermali. U dak is-sehem qed jikber, bil-mod il-mod, iżda b'mod evidenti.

Tliet kwarti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE ġejjin mill-ġenerazzjoni u l-konsum tal-enerġija.

Hemm **żewġ modi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-enerġija.**

- Billi tittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija u tintuża inqas enerġija (pereżempju, permezz tal-insulazzjoni tal-bini).
- Billi jiżdied is-sehem ta' enerġija prodotta minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Fl-2018, l-unitajiet domestiċi kienu jammontaw għal 26.1 % tal-enerġija kkunsmata fl-UE, li l-biċċa l-kbira tagħha kienet prodotta minn gass naturali (32.1 %) u elettriku ġġenerat minn fjuwils fossili (24.7 %), bis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jammontaw għal 19.5 %. It-tisħin huwa r-raġuni prinċipali għalxiex l-unitajiet domestiċi jagħmlu użu mill-enerġija.




Il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija b'mod aktar effiċjenti u sostenibbli jgħin fil-ħarsien tal-ambjent, kif ukoll tas-saħħa u l-benessri tal-bniedem. Dan inaqqas ukoll it-tibdil fil-klima u t-tisħin globali, u jnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq fornituri esterni taż-żejt u l-gass. Għal din ir-raġuni, il-Patt Ekoloġiku tal-UE għandu l-għan li jġib miegħu bidla mill-faħam għal sorsi ta' enerġija aktar nodfa.




Kif nagħmlu l-enerġija tajba għall-ambjent u ġusta: produzzjoni u użu




# Bini effiċjenti fl-enerġija

Il-bini huwa responsabbli għal madwar 40 % tal-konsum totali tal-enerġija tal-UE u għal aktar minn terz tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE.

Madwar 75 % tal-bini kollu fl-UE mhuwiex effiċjenti fl-enerġija u 1 % biss isirulu rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija kull sena. Madwar 85-95 % tal-bini tal-lum se jibqa' jintuża fl-2050.

Biex sal-2030 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE jitnaqqsu b'mill-inqas 55 %, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bini se jkollhom jitnaqqsu b'60 %. Għalhekk jeħtieġ li l-bini jsir aktar effiċjenti fl-enerġija, pereżempju permezz ta' insulazzjoni aħjar.

L-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea biex tingħata spinta lir-rinnovazzjoni tal-bini, Mewġa ta' Rinnovament għall-Ewropa, għandha l-għan li tirdoppja r-rati annwali ta' rinnovazzjoni enerġetika fl-10 snin li ġejjin.

L-hekk imsejħa dilemma tas-sid u l-inkwilin kultant tista' tkun problema wkoll: is-sidien ma jridux jinvestu wisq flus f'apparat u rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija peress li mhux se jaraw qligħ minn dawk il-flus, filwaqt li l-inkwilini li jħallsu l-kontijiet tal-enerġija huma mistennija jibbenefikaw mill-iffrankar miksub.

Mewġa ġdida ta' investiment fir-rinnovazzjoni tal-bini effiċjenti fl-enerġija tista' taġixxi bħala stimolu għas-settur tal-kostruzzjoni, li potenzjalment toħloq 160 000 impjieg ekoloġiku sal-2030.

Xi Stati Membri tal-UE għadhom ma tawx prijorità lit-teħid ta' azzjoni urġenti meħtieġa fis-settur tal-bini.

Bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero fl-Ewropa skont l-użu tal-bini (residenzjali jew le)




Bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero fl-Ewropa (ġdid u rinnovat)



# Ipprezzar tal-karbonju



L-għoti ta' prezz lill-karbonju huwa tentattiv biex jiġu koperti l-ispejjeż "esterni" tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dawn huma spejjeż li l-pubbliku – kull wieħed u waħda minna – iħallas biex isewwi l-ħsara li ssir mit-tibdil fil-klima, bħal spejjeż għall-kura tas-saħħa jew ħsarat materjali li jirriżultaw minn mewġiet ta' sħana u nixfiet.




Hemm modi differenti kif jingħata prezz fuq l-emissjonijiet tal-karbonju, iżda s-sistemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u t-taxxi fuq il-karbonju huma l-aktar komuni.




Skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tfisser li l-emittenti tal-karbonju (bħal fornituri tal-elettriku) jinħarġulhom ċertifikati li jippermettulhom jarmu ċertu ammont ta' $CO_2$ kull sena. Billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO tagħhom$_2$, dawn imbagħad jistgħu jbigħu kwalunkwe kwota mhux użata lil partijiet oħra fis-suq li għandhom livell ta' emissjonijiet ogħla. In-numru totali ta' ċertifikati huwa limitat u mnaqqas maż-żmien bil-liġi, sabiex l-emittenti tal-karbonju jiġu inċentivati biex itejbu l-impronta tal-karbonju tagħhom.




Kontenut tal-karbonju tal-fjuwils fossili skont it-tip – Faħam, żejt, gass naturali (f'libbri ta' $CO_2$ għal kull miljun Unità Termali Brittanika)

Fl-2005, l-UE bdiet sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Hija kienet l-ewwel suq ewlieni tal-karbonju fid-dinja u għadha l-akbar wieħed. Hija tillimita l-emissjonijiet minn madwar 10 000 faċilita fis-settur tal-enerġija u l-industrija tal-manifattura, kif ukoll minn linji tal-ajru li joperaw bejn il-pajjiżi parteċipanti. Għalkemm is-sistema għadha ma tkoprix l-emissjonijiet globali mit-trasport u l-bini, hija tkopri madwar 40 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE.



# Ipprezzar tal-karbonju

| | |
|---|---|
| Faħam (antraċite) | 228.60 |
| Faħam (linjite) | 216.24 |
| Faħam (subbituminuż) | 214.13 |
| Faħam (bituminuż) | 205.40 |
| Fjuwil diżil u żejt għat-tisħin | 163.45 |
| Gażolina (mingħajr etanol) | 155.77 |
| Propan | 138.63 |
| Gass naturali | 116.65 |

Libbri ta' $CO_2$ mormija għal kull miljun *British Thermal Units* (Btu) ta' enerġija għal diversi fjuwils

B'differenza minn sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, taxxa fuq il-karbonju tistabbilixxi prezz fuq il-karbonju b'mod dirett billi tiddefinixxi rata tat-taxxa fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew – b'mod aktar komuni – fuq il-kontenut tal-karbonju tal-fjuwils fossili. Kontenut tal-karbonju tal-fjuwils fossili tirreferi għal ammonti differenti ta' dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) li jarmu fjuwils differenti meta mqabbla mal-enerġija li jipproduċu meta jinħarqu. Pereżempju, l-antraċit jarmi kważi d-doppju ta' $CO_2$ għal kull unita ta' enerġija prodotta meta jinħaraq bħala gass naturali.

Xi pajjiżi Ewropej, bħall-Finlandja, in-Norveġja, l-Iżvezja u d-Danimarka bdew jesperimentaw bit-tassazzjoni fuq il-karbonju sa mis-snin 90. Minn dakinhar bosta pajjiżi Ewropej oħra għamlu l-istess, iżda hemm varjazzjoni kbira fir-rati tat-taxxa. It-taxxi fuq il-karbonju jistgħu jkunu mod effettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ u t-tniġġis tal-arja billi jingħata prezz lill-karbonju u jista' jkollhom rwol fit-tnaqqis tal-emissjonijiet minn setturi li mhumiex koperti mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

Id-dħul mill-ipprezzar tal-karbonju jista' jintuża biex ikun ta' appoġġ għal aktar sforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan jista' jintuża wkoll biex jikkumpensa għall-piż fuq il-familji bi dħul baxx billi jżid il-benefiċċji soċjali, jappoġġa lill-unitajiet domestiċi b'pagamenti ta' somma f'daqqa, jew jinvesti fi skemi speċjali bħal sussidji għar-rinnovazzjoni tal-bini.



# Pannelli solari u pompi tas-sħana

L-enerġija solari hija sors ta' enerġija rinnovabbli li tista' tintuża biex tipprovdi elettriku u ilma sħun lill-unitajiet domestiċi. L-enerġija solari għandha l-potenzjal li tissodisfa 20 % tad-domanda għall-elettriku tal-UE sal-2040.

Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-enerġija solari tipprovdi inqas minn 1 % tal-enerġija użata għat-tisħin u t-tkessiħ. F'pajjiżi li għandhom klima aktar sħuna b'aktar xemx u inqas domanda għat-tisħin, l-enerġija solari tipprovdi sehem ferm ogħla ta' enerġija – pereżempju, aktar minn 15 % f'Ċipru.

Il-pompi tas-sħana huma sors ieħor ta' enerġija effiċjenti. Dawn il-pompi, li jitqiegħdu fuq barra ta' djar residenzjali, jaħdmu bħal friġġ iżda bil-maqlub, billi jużaw l-enerġija mill-ambjent biex isaħħnu jew ikessħu spazju. Għalkemm jaħdmu bl-elettriku, dawn jużawh b'mod effiċjenti ħafna.

Il-pompi tas-sħana saru ħafna aktar komuni f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn hemm klima kiesħa u inqas djar huma konnessi mal-grilja tal-gass naturali. Dawn huma l-aktar popolari fl-Iżvezja, fl-Estonja, fil-Finlandja u fin-Norveġja, fejn jinbiegħu aktar minn 25 pompa tas-sħana għal kull 1 000 unità domestika kull sena.

Biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn sistemi ta' tisħin domestiku, l-Istati Membri qed jippromwovu l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana u pannelli solari, l-aktar permezz ta' sussidji u self, iżda wkoll permezz ta' tnaqqis fit-taxxa. Dan wassal għal żieda sinifikanti fl-installazzjonijiet f'xi Stati Membri.

Mill-2015, regolament tal-UE jirrikjedi li l-pompi tas-sħana, il-pannelli solari u apparat domestiku simili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana għandhom jiġu ttikkettati b'informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika u l-konsum tal-enerġija. Barra minn hekk, fl-2010, l-UE stabbiliet rekwiżit fejn kull bini ġdid irid jkun "bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero" sal-2021 u juża enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Bejn l-2012 u l-2016, inbnew madwar 1.2 miljun "binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero" jew il-bini eżistenti ġie rinnovat biex jikkonforma mar-rekwiżiti. Is-sehem tagħhom fis-suq tal-kostruzzjoni żdied minn 14 % għal 20 %.





# Bidla minn faħam għal sorsi oħra ta’ enerġija

Is-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli qabżu l-fjuwils fossili biex saru s-sors ewlieni tal-elettriku tal-UE għall-ewwel darba fl-2020. Madankollu, il-faħam għadu sors importanti f’xi Stati Membri, minkejja li l-faħam li jaħarqu jarmi bil-bosta aktar $CO_2$ għal kull unità tal-enerġija prodotta meta tinħaraq – kważi d-doppju tal-gass naturali u 40 % aktar mid-diżil u miż-żejt għat-tisħin.

**Sorsi tal-Produzzjoni tal-Elettriku fl-Istati Membri tal-UE**

Perċentwal tal-ġenerazzjoni totali tal-elettriku




**Is-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli jaqbżu l-fjuwils fossili**

Sehem ta’ % mill-produzzjoni tal-elettriku fl-UE27




*Europe’s Power Sector in 2020*, Ember and Agora Energiewende (25/01/2021)



# Bidla minn faħam għal sorsi oħra ta’ enerġija




Il-faħam jipproduċi aktar $CO_2$ għal kull kilogramma minn kwalunkwe fjuwil fossili ieħor. Għalkemm l-impjanti tal-enerġija tejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, l-impjanti li jaħdmu bil-faħam għadhom is-sors ewlieni ta’ inkwinanti rilaxxati fl-arja u fl-ilma.

L-esperti jgħidu li biex jintlaħaq l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li sal-2030 l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra jitnaqqsu b’mill-inqas 55 %, l-Istati Membri jkollhom bżonn jeliminaw gradwalment il-faħam kważi għalkollox.

Mis-27 Stat Membru tal-UE li tradizzjonalment użaw il-faħam biex jipproduċu l-elettriku tagħhom, 14 minnhom diġà ma jużawx il-karbonju jew ħabbru li se jagħmlu dan sal-2030. Il-Ġermanja qed timmira li tagħmel dan sal-2038, il-Polonja sal-2049, ir-Repubblika Ċeka ppjannat l-eliminazzjoni gradwali tal-faħam għal-2033, s-Slovenja wkoll. Ir-Rumanija aimpenjat għall-eliminazzjoni gradwali tal-faħam sal-2032 u l-Bulgarija sal-2038.

L-eliminazzjoni gradwali tal-faħam hija sfida għar-reġjuni milquta. Is-settur tal-faħam tal-UE jimpjega 237 000 ruħ f’impjanti tal-enerġija u minjieri tal-faħam, u dan in-numru jista’ jonqos b’160 000 sal-2030, qabel ma s-settur jisparixxi kompletament sal-bidu tas-snin 40 tas-seklu 21. It-tnaqqis jista’ jkun saħansitra aktar mgħaġġel, skont kemm il-faħam idum biex jiġi eliminat gradwalment madwar l-UE.

L-UE waqqfet il-Mekkaniżmu u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta biex tappoġġa lir-reġjuni tal-UE l-aktar milquta mill-bidla għan-newtralità klimatika – speċjalment ir-reġjuni tal-faħam, il-pit u x-xejl taż-żejt. Hija se tagħmel dan billi tgħinhom jirristrutturaw l-ekonomiji tagħhom u jħarrġu mill-ġdid lill-forza tax-xogħol tagħhom f’setturi li jibqgħu validi fil-futur.

# Kif nagħmlu l-enerġija tajba għall-ambjent u ġusta: tranżizzjoni ġusta

## Mistoqsija 2

Huwa kruċjali li ħadd ma jintesa fil-bidla għal forom ta' enerġija aktar nodfa u ekoloġiċi. Kif nistgħu nagħmlu t-tranżizzjoni ġusta għal kulħadd? **Agħti ħarsa lejn l-għażliet t'hawn taħt, tkellem dwarhom** mal-grupp tiegħek u **kklassifikahom** skont is-soluzzjonijiet li taħseb li huma l-aħjar.

| Punti | Għażla |
|---|---|
| 5 punti | B |
| 4 punti | C |
| 3 punti | A |
| 2 punti | E |
| 1 punt | D |

Kampjun tal-vot

**A** It-teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija bħal apparat domestiku u bozoz tad-dawl għandhom ikunu bi **prezz aktar raġonevoli** għall-familji bi dħul baxx.

**B** L-enerġija u l-elettriku prodotti minn sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli għandhom **jogħlew** jekk tiġi introdotta spiża għall-karbonju mormi fil-proċess tal-produzzjoni (magħrufa bħala prezz tal-karbonju). Dawn iż-żidiet għandhom jiġu rimborżati għall-familji bi dħul baxx.

**C** In-nies li jaħdmu f'setturi intensivi fil-fjuwils fossili jew fl-enerġija għandhom jiġu offruti **opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid**, sabiex ikunu jistgħu jsibu impjieg differenti fl-istess settur jew f'settur kompletament ġdid.

**D** Il-komunitajiet u r-reġjuni li jiddependu mill-estrazzjoni tal-faħam għandhom jingħataw **għajnuna speċjali biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom**.

**E** X'**soluzzjonijiet oħra** jiġuk f'moħħok?



## Kuntest

Bil-Patt Ekoloġiku tagħha, l-UE għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni għall-enerġija ekoloġika u ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Huwa stmat li, b'mod ġenerali, it-tranżizzjoni ekoloġika se jkollha impatt pożittiv fuq l-ekonomija u l-impjiegi. Jekk jiġu stabbiliti politiki tajbin, sal-2030 tista' toħloq madwar miljun impjieg fl-UE – b'mod partikolari impjiegi b'ħiliet medji u b'pagi medji fil-kostruzzjoni u l-manifattura.

It-tranżizzjoni ekoloġika tfisser it-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija, li se tirrikjedi investimenti enormi fi żmien qasir. Huwa stmat li sal-2050 l-ispejjeż ta' tranżizzjoni għall-elettriku biss ikunu bejn EUR 1.2 triljun u EUR 1.4 triljun. Il-fornituri tal-enerġija bħalissa jgħaddu parti minn dawk l-ispejjeż tat-tranżizzjoni tal-enerġija lill-konsumaturi fil-kontijiet tal-enerġija tagħhom. Dan iżid ir-riskju ta' faqar enerġetiku, li jaffettwa sa 34 miljun ruħ fl-UE. Il-familji bi dħul baxx ma jistgħux jaffordjaw apparat aktar ġdid u effiċjenti u ħafna drabi jgħixu f'bini antik li ma ġiex irranġat, jiġifieri jispiċċaw iħallsu kontijiet tal-enerġija ferm ogħla meta mqabbla ma' nies li jgħixu f'bini effiċjenti fl-enerġija.

It-tranżizzjoni tal-enerġija tpoġġi pressjoni fuq partijiet tas-settur tal-enerġija li għadhom dipendenti mill-fjuwils fossili, bħall-estrazzjoni tal-faħam u l-produzzjoni taż-żejt minerali (eż. il-paraffina). Huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi Fond Soċjali għall-Klima ġdid biex tappoġġa l-investiment fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini u tat-trasport, filwaqt li tindirizza l-faqar enerġetiku. Dan se jappoġġa lill-familji vulnerabbli u lin-negozji żgħar biex jiffinanzjaw ir-rinnovazzjoni tal-enerġija, u miżuri oħra, ħalli jgħinhom inaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom u jaqilbu għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Bejn l-2025 u l-2032, il-fond se jagħmel disponibbli EUR 72.2 biljun.

L-UE stabbiliet il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ta' EUR 19.2-il biljun biex tgħin ħalli t-tranżizzjoni ekoloġika ssir ġusta u inklużiva. L-Istati Membri jistgħu jużaw dawn ir-riżorsi biex jiffinanzjaw proġetti, bħal programmi ta' taħriġ u programmi ta' taħriġ mill-ġdid, ħalli jgħinu lin-nies isibu opportunitajiet ġodda ta' impjieg f'reġjuni li huma dipendenti ħafna mill-fjuwils fossili u l-industriji intensivi fil-gassijiet serra.

**1 miljun**
impjiegi ekoloġiċi ġodda fl-UE **2030**

**72.2 biljun**
Fond Soċjali għall-Klima **2025 > 2032**



**19.2-il biljun**
Fond għal Tranżizzjoni stmat għall-UE



© L-Unjoni Ewropea

# Teknoloġiji għall-iffrankar tal-enerġija

Hemm varjeta ta' modi kif wieħed jista' jiffranka l-enerġija: minn soluzzjonijiet bi spiża baxxa u medja bħal bozoz u apparat domestiku għal teknoloġiji bi spiża għolja u effiċjenti fl-enerġija użati għall-adattament tad-djar (bħal soluzzjonijiet ta' software għall-ġestjoni tal-enerġija).



Meta jixtru apparat, il-konsumaturi spiss ikollhom jagħżlu bejn mudell standard u mudell effiċjenti fl-enerġija, li tipikament jiswa aktar iżda jwiegħed tnaqqis fl-ispejjeż tat-tħaddim matul il-ħajja tal-apparat. Il-kompromess huwa bejn li tonfoq inqas issa (bil-mudell standard) u tonfoq inqas aktar tard (bil-mudell effiċjenti fl-enerġija). Pereżempju, jekk taqleb għal wieħed mill-ifran elettriċi l-aktar effiċjenti fl-enerġija, tista' tiffranka sa EUR 230 fuq perjodu ta' 15-il sena.

Il-familji bi dħul baxx ma għandhomx it-tendenza li jieħdu passi biex jadattaw djarhom b'teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija daqskemm jagħmlu s-sidien ta' djar bi dħul ogħla. Il-programmi ta' rinnovazzjoni tal-bini jistgħu jsiru aktar attraenti għal sidien ta' djar bi dħul baxx billi jitbaxxew ir-rati tal-imgħax fuq is-self, billi jiġi estiż il-perjodu ta' ħlas lura tas-self u/jew jiżdied l-ammont li huwa sussidjat.



Il-politiki ta' sostituzzjoni tal-apparat spiss ikopru dawl ineffiċjenti u apparat antik bħal magni tal-ħasil u friġġijiet. Pereżempju, programm Ġermaniż jagħti lill-familji bi dħul baxx għotja ta' EUR 150 biex jgħinhom jixtru friġġ ġdida u effiċjenti fl-enerġija.





© L-Unjoni Ewropea

# Kif jiġi rimborżat il-prezz tal-karbonju

Għall-familji tal-UE bl-inqas dħul, il-kontijiet (inklużi t-taxxi) tal-enerġija jammontaw għal madwar 10 % tan-nefqa totali tal-unitajiet domestiċi, li tvarja minn minimu ta' 3 % fl-Iżvezja sa massimu ta' 23 % fis-Slovakkja.

Id-Direttiva tal-UE dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija tipprovdi lill-Istati Membri b'għażliet biex il-familji vulnerabbli jiġu eżentati minn taxxi ogħla fuq l-enerġija.

L-enerġija u l-elettriku se jiswew aktar jekk tiġi introdotta spiża għall-karbonju mormi fil-proċess tal-produzzjoni (magħrufa bħala prezz tal-karbonju). Madankollu, id-dħul mill-ipprezzar tal-karbonju jista' jintuża biex jikkumpensa għall-piż fuq il-familji bi dħul baxx permezz ta' benefiċċji soċjali u skemi ta' sussidju.

L-Irlanda, pereżempju, qed timmira li tqassam mill-ġdid dan id-dħul biex tipproteġi lill-familji vulnerabbli billi żżid l-allowance tal-fjuwil tagħhom. Il-Portugall għandu l-ħsieb li jqassam mill-ġdid id-dħul mit-taxxa fuq il-karbonju fil-forma ta' ħelsien mit-taxxa fuq id-dħul għall-familji bi dħul aktar baxx. U meta l-Iżvezja introduċiet it-taxxa fuq il-karbonju tagħha fl-1991, hija naqqset ukoll it-taxxi fuq l-enerġija b'mod ġenerali biex tevita żidiet fit-tassazzjoni ġenerali li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-familji bi dħul baxx.

Il-gvernijiet jistgħu wkoll jużaw id-dħul mill-ipprezzar tal-karbonju biex iżidu n-nefqa fuq il-ħarsien tal-ambjent u jappoġġaw aktar sforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.



# Taħriġ mill-ġdid

Għad hemm 237 000 ruħ fl-UE li jaħdmu fis-settur tal-faħam, primarjament fl-impjanti tal-enerġija tal-faħam u l-minjieri. Dan in-numru jista' jonqos b'160 000 sal-2030.

Iż-żgħażagħ jidhru li huma aktar miftuħa għal inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ f'ħiliet ġodda.

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE, fost affarijiet oħra, se jgħin lin-nies jadattaw għal suq tax-xogħol li qed jinbidel billijibni fuq il-ħiliet eżistenti tagħhom jew jitgħallmu ħiliet ġodda, kif ukoll jgħinhom isibu impjieg.

Barra minn hekk, il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) il-ġdid, li għandu baġit ta' aktar minn EUR 99 biljun għall-2021-2027, se jinvesti wkoll f'taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika u diġitali.

In-nuqqas ta' ħiliet meta mqabbla mal-ħtiġijiet huwa ostaklu fit-tranżizzjoni għal sistema ta' enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. L-industrija tal-enerġija għandha forza tax-xogħol iddominata mill-irġiel u li qed tixjieħ, speċjalment fis-setturi tal-enerġija konvenzjonali. Hemm domanda kbira għal gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), kif ukoll nies b'ħiliet diġitali.



# Appoġġ għal reġjuni tal-faħam

Għad hemm 185 000 ruħ fl-UE li jaħdmu fl-estrazzjoni tal-faħam. Il-Polonja timpjega madwar nofs din il-forza tax-xogħol fl-estrazzjoni tal-faħam, segwita mill-Ġermanja, miċ-Ċekja, mir-Rumanija, mill-Bulgarija, mill-Greċja u minn Spanja.

Huwa stmat li 109 000 impjieg fis-settur tal-estrazzjoni huma f'riskju kbir li jintilfu minħabba li dan huwa inqas kompetittiv. Reġjun partikolari fil-Polonja jista' jitlef sa 41 000 impjieg, li huwa madwar nofs in-numru totali ta' impjiegi f'dak ir-reġjun.

L-aħħar power station tal-faħam fil-Ġermanja hija skedata li tagħlaq fl-2038 u, fit-tħejjija għal dan, l-istati tal-pajjiż li jiddependu mill-faħam se jingħataw total ta' EUR 14-il biljun biex jinvestu fir-reġjuni milquta. Il-fondi jistgħu jintużaw għal proġetti ta' diġitalizzazzjoni, għat-tkabbir tat-turiżmu, għat-titjib tal-infrastruttura urbana, jew għal proġetti innovattivi ta' azzjoni dwar il-klima u ta' ħarsien tal-ambjent.

L-Istati Membri li r-reġjuni, l-industriji u l-ħaddiema tagħhom se jiffaċċjaw l-akbar sfidi biex jagħmlu t-tranżizzjoni għall-enerġija ekoloġika jistgħu japplikaw għal finanzjament mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE. Permezz ta' djalogu mal-Kummissjoni Ewropea, se jkollhom bżonn jiddefinixxu "pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta territorjali" li jistabbilixxu l-isfidi f'kull reġjun, il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' żvilupp tagħhom, u l-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu introdotti sal-2030.



Trid taqsam l-opinjoni tiegħek dwar il-politiki futuri tal-UE dwar il-klima ma' nies minn madwar l-Ewropa kollha?

Kif tixtieq tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima? Iddiskuti u involvi ruħek!



# Kif tista' tikkontribwixxi għal Ewropa newtrali għall-klima

## Aqleb għall-enerġija solari

installa pannelli solari biex tiġġenera l-enerġija għal darek.

## Naqqas il-konsum

naqqas it-tisħin f'darek bi grad jew aktar.

## Installa l-insulazzjoni

installa jew tejjeb l-insulazzjoni f'darek.

## Aqleb l-enerġija tiegħek

aqleb darek ma' fornitur tal-enerġija mingħajr karbonju.

Trid tinżamm aġġornat dwar ir-riżultati tal-Peer Parliaments?

Interessat tospita Peer Parliament inti stess?

EUROPEAN CLIMATE PACT

#MyWorldOurPlanet
#EUClimatePact

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

climate-pact.europa.eu | EUClimateAction | EUClimateAction | ourplanet_eu | EU Environment and Climate | EUClimateAction